**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-tieni Kontinwazzjoni (47) tal-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin Laqgħa (45) tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Gimgħa 25 ta' Novembru, 2011 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija wara li fis-6.00 ma kienx hemm quorum u s-Sindku tat in-nofs siegħa fuq il-ħin.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 6.00p.m. | 7.30p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 6.15p.m. | 7.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 6.00p.m. | 7.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | Skużat | |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | Skużat | |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 6.00p.m. | 7.30p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | Imsiefer | |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | 6.00p.m. | 7.30p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 6.00p.m. | 7.30p.m. |

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Il-Laqgħa kompliet bl-*item* numru 14 tal-Agenda.

**1.0 Aġġornamenti.**

**Is-Sindku Perit Graziella Galea**

1.01 Is-Sindku talbet u ġie approvat li TCTC jerġgħu jagħmlu l-Computer courses għas – sena 2012 kif sar fi snin oħra. Il-Kunsillier Mrio Camilleri talab li jiġu issussidjati l-kors għall-anzjani tal-lokal.

1.02 Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ser jagħmel korsijiet tal-Ewwel Għajnuna b'xejn permezz tal-ETC.

1.03 Is-Sindku talbet u ġie approvat li l-Kunsill jagħmel mill-ġdid il-bankini ta' Triq il-Mazzola, Triq il-Glieba, Triq il-Paġell u xi bankini oħra fl-istess żona skont il-bżonn.

1.04 Is-Sindku talbet u ġie approvat li jsir WIFI pubbliku fiż-żoni ta' Triq San Ġilardu u Triq San Pawl quddiem il-knisja parrokjali ta' San Pawl il-Baħar.

1.05 Ġie approvat li jingħata l-permess li jintuża l-*logo* tal-Kunsill fuq il-panel ta' Natura 2000 li se jkun qed juri l-importanza ta' din iż-żona.

1.06 Gie approvat unanimament li l-Kunsill jalloka Euro 20,000.—mill-fondi tiegħu sabiex dawn jiżdiedu mal-ammont allokat mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u fondi oħra li ġejjin minn skemi tad-Dipartiment sabiex isir kisi mill-ġdid bit-tarmak ta' Triq Busewdien fil-Wardija. B'hekk l-istima tas-somma totali għal dan ix-xogħol telgħet għal Euro 50,000.--.

1.07 Is-Sindku talbet u ġie approvat li jinfetħu ż-żewġ offerti mitfugħa għas-servizz ta' banda għal żmien il-Milied. L-offerti kienu:

a) Soċjeta Mużikali San Pawl talbet is-somma ta' Euro 390.—għall kull servizz ta' sagħtejn b' iktar minn għoxrin (20+) bandist, b'kostum tal-Milied u daqq ta' marċi tradizjonali tal – Milied.

b) Big Friends Guggen Muzik talbu s-somma ta' Euro 1,000.—għall kull servizz ta' sagħtejn b'50 bandist,' b'ilbies ta' kostumi sħaħ ta' *Christmas Father*, strumenti u mottivi mużikali innovattivi u mhux tradizjonali, strumenti bi dwal u tiżjin ieħor, tqassim ta' ħelu (jekk provdut mill-Kunsill) lit-tfal, persunaġġ fuq *stilts* u divertiment ieħor. Huma ofrew skont ta' Euro 400.—jekk jingħataw il-ħames attivitajiet ta' sagħtejn lilhom.

F'dan l-istadju l-Kunsillier Mario Camilleri iddikjara konflitt ta' interess u qal li ma kienx ser jipparteċipa fid-diskussjoni.

Il-Kunsill qies li meta tikkalkula n-numru ta' bandisti kif proposti fiż-żewġ offerti, ftit li xejn kien hemm differenza fil-prezz. Saret il-proposta li dawn is-servizzi jinqasmu bejn iż-żewġ offerenti hekk:

(a) Is-Soċjeta Mużikali San Pawl jiġu nkarigati jagħtu żewġ servizzi kif mitlub u offrut minnhom fis-sejħa għall-kwotazjonijiet, flimkien ma' dak li jsir kull sena mal-purċissjoni tal-Bambin mis-Soċjeta tal-M.U.S.E.U.M.

(b) Il-Big Friends Guggen Muzik jiġu nkarigati jagħtu tliet servizzi kif mitlub u offrut minnhom fis-sejħa għall-kwotazjonijiet bill-prezz ta' Euro 1,000.—kull servizz.

Il-Kunsillier Raymond Tabone ma qabilx ma' din il-proposta għaliex qal li dawn is-servizzi għandhom jingħataw lill-banda tal-lokal anke jekk bi prezz għola min dak offrut minn banda mhux mill-lokal. Meta intalbet u saret votazjoni, il-Kunsillier Rymond Tabone vvota kontra l-proposta. Il-proposta ġiet approvata b'erba' voti favur u wieħed kontra.Il-Kunsillier Mario Camilleri astjena.

1.08 Is-Sindku, Il-Perit Graziella Galea qrat ittra mingħand is-Sur Anton Vella (MFEI) fejn il-Kunsill intalab jekk isibx oġġezjoni biex tliet Kjosks li kienu fiż-żona ta' Fra Ben fejn illum qed jinbena l-Aquarium, jiġu allokati postijiet oħra temporanji. Filwaqt li l-Kunsill fil-

maġġoranza tiegħu ma sabx oġġezzjoni għall-postijiet magħżula, il-Kunsillier Raymond Tabone ma qabilx li wieħed minn dawn il-kjosks jingħata post temporanju fuq l'ex-latrina ta' ħdejn il-pjazza ta' Bugibba għaliex b'hekk ikun qed jingħata vantaġġ fuq il-Kjosks l-oħra li hemm f'dik iż-żona. Intalbet votazjoni u ġie approvat b'ħames voti kontra wieħed li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-proposta tal-MFEI. Il-Kunsillier Tabone ivvota kontra.

1.08 Is-Sindku ipproponiet u ġie approvat unanimament li t-Tender tat-tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi jiġi mġedded għal perjodu ta' sena oħra bl-istess kundizjonijiet skont it-Tender mogħti lis-Soċjeta' Mużikali San Pawl il-Baħar.

1.09 Is-Sindku ipproponiet u ġie approvat unanimament li l-ikla tal-aħħar tas-sena għall-Kunsilliera u impjegati tal-Kunsill issir f'Jannar 2012. Is-Sindku għandha tinforma bil-post, ġurnata u ħin ta' din l-ikla aktar tard.

**Il-Kunsillier Raymond Tabone.**

1.10 Il-Kunsillier Raymond Tabone irrimarka li fil-*Budget* tal-Gvern Ċentrali ma ssemma xejn dwar l-iSports Complex li kien propost fil-Qawra. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea ppproponiet li fil-post fejn kien propost dan l-iSports Complex għandu jiġi propost li b'mod temporanju jintuża bħala parkeġġ biex tittaffa l-problema ta' nuqqas ta' spazju għal parking ta' karrozzi privati. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

1.11 Il-Kunsillier Tabone qal li filwaqt li jagħti prosit għat-Traffic Lights li ġew installati ħdejn is-Sirens Football Ground, qal li dawn kien għadhom mhumiex u operattivi. Huwa qal ukoll li f'dik iż-żona kien qed isir parkeġġ bl-addoċċ meta jkun hemm il-logħob.

1.12 Il-Kunsillier Tabone qal li fi Triq it-Tamar kien hemm bżonn li jsiru sinjali tal-parkeġġ.

1.13 Huwa staqsa jekk il-parti tat-triq ħdejn Scotts Super Market li kienet għadha bla tarmak jekk kienitx ser tingħata tarmak.

1.14 Huwa staqsa wkoll jekk il-parkeġġ ta' ħdejn Fra Ben li dejjem kien b'xejn, jekk kienx ser jibqa' b'xejn meta jitlesta l-proġett tal-Aquarium.

1.15 Il-Kunsillier Tabone staqsa jekk il-Kunsill jistax b'xi mod jgħin dwar is-serq ta' għodda u affarijiet oħra li kien sar mill-Flour Mill. Is-Sindku fakret li meta s-Sur Oliver Mallia ġie mitlub dokumenti dwar *ownership* jew *trusteeship* tal-Flour Mill, dawn id-dokumenti qatt ma ġew.

**Il-Kunsillier Frank Gauci.**

*1.16* Il-Kunsillier Frank Gauci qal li faċċata tas-Sirens Bar kien hemm talba għal permess ta' bini quddiem il-MEPA bin numru PA1312/10 meta hemm xelter ta' żmien il-gwerra. Huwa qal li kien irċieva ittra mingħand il-MEPA li kienet turi li huwa kien wieħed mill-*objectors* meta l-*objector* kien il-Kunsill u mhux hu personalment. Huwa qal li dan ma kienx aċċettabli u li jitlob li jiġi ċċekjat jekk meta nbagħtet l-*objection* lill-Mepa huwa kienx ġie imsemmi personalment.

**Il-Kunsillier Martin Zerafa.**

1.16 A Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li *ż-zebra crossing* ħdejn l-appartamenti tal-Big Ben fi Triq il-Qawra kien għada ma saritx. Huwa qal ukoll li warning lights tas-sinjal li ġejja żebra *crossing* ta' quddiem Kennedy Grove Gardens kienu blu meta dawn suppost ikunu ħomor.

Huwa semma wkoll li f'din l-istess triq kien hemm sinjal li jindika li kien hemm *Bus Stop* meta dan il-*Bus Stop* kien f'post ieħor iktar 'il fuq fl-istess triq.

**Il-Kunsillier Mario Camilleri.**

1.17 Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kif kien qed jgħid fl-ewwel kontinwazjoni tal-Laqgħa Nru. 45, meta ġiet sospisa l-laqgħa minħabba nuqqas ta' kworum, kien hemm bżonn jinħareg fuljett kull xahar biex il-Kunsill jirribatti informazjoni u kitba falza li kienet qed tidher fil-ġurnali kontra l-Kunsill. Is-Sindku Graziella Galea ziedet li hu mportanti li r-residenti jkunu nfurmati bix-xogħol li qed isir fil-lokalita'. Il-kunsillier Mario Camilleri talab l-approvazjoni biex dan il-fuljett jibda jiġi ppublikat u jitqassam lir-residenti tal-lokalita'.

Il-Viċi Sindku John Bray qal li għandhom isiru wkoll stqarrijiet.

Il-Kunsillier Ray Tabone iddikjara li huwa ma kienx jaqbel mal-fuljett.

Ittieħed vot u l-proposta li jiġi stampat u mqassam fuljett kif propost għaddiet b'ħames voti favur u wieħed kontra. Il-Kunsillier Tabone vvota kontra.

1.18 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jitpoġġa *open-skip* x'imkien ieħor minflok dak li tneħħa mill-inħawi tal-Pwales. Ġie deċiż li jekk jinstab xi post adekwat fejn dan jista' jitpoġġa, dan jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**Il-Viċi Sindku John Bray.**

1.19 Il-Viċi Sindku John Bray qal li xtaq jinforma lill-Kunsill li huwa ġie avviċinat mid-diriġenti ta' Dimbros Limited fejn din qaltlu li huwa kien ivvota kontrihom fl-għoti tat-Tender għal Kostruzjoni u Manutenzjoni ta' Bankini. Huwa qal li dawn l-affarijiet mhux suppost isiru għaliex dan jammonta għal intimidazjoni u pressjoni fuq il-Kunsilliera.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa wkoll ġralu l-istess għaliex huwa wkoll ġie kkontatjat mill-istess Dimbros Limited.

Is-Sindku Perit Graziella Galea infurmat lill-Kunsill li waslet imejl fl-uffiċċju tal-Kunsill mingħand Dimbros Limited b'diversi mistoqsijiet dwar din l-istess aġġudikazzjoni meta kienet għadha ma ntbagħtet ebda korrispondenza dwar din l-aġġudikazzjoni. B'hekk kien jidher ċar li kien hemm diversi *leakages* dwar l-aġġudikazjoni ta' dan it-Tender. Is-Sindku qalet li saret laqgħa dwar dan mal-avukat tal-Kunsill fl-uffiċċju tiegħu fejn intalab parir legali dwar x'għandu jsir dwar dan it-Tender. Il-parir tal-Avukat kien li kemm id-dokumenti, kif ukoll l-aġġudikazzjoni ta' dan it-Tender, kien fihom diversi irregolaritajiet u nuqqasijiet u għalhekk l-avukat kien tal-parir li din is-sejħa għat-Tender tiġi sospiża u ma tinħariġx il-*Letter of Acceptance* iżda ssir sejħa oħra ġdida wara li jsiru emendi fid-dokumentazjoni tat-Tender u jintalab parir ta' perit espert f'dan ir-rigward.

Wara li kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv spjegaw dan, u fid-dawl li din is-sejħa kien jidher ċar li kienet ivvizjata, saret il-proposta li din is-sejħa tiġi sospisa u tinħareġ sejħa ġdida skont il-parir tal-avukat tal-Kunsill u li sadanitttant jiġi mġedded temporanjament it-Tender eżistenti.

Saret votazjoni u din il-proposta għaddiet b'ħames voti favur u wieħed kontra. Il-Kunsillier Ray Tabone vvota kontra.

## 2.0 Egħluq tal-Laqgħa

Ma kienx hemm aktar aġġornamenti u l-Laqgħa ġiet aġġornata għal Ħamis 15 ta' Diċembru 2011 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Laqgħa spiċċat fis-7.30p.m.

***Perit Graziella Galea***
***Sindku***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***

14 ta' Diċembru 2011

Ref: 55 / 0952 / 11 / OCZ